

ĠORĠ PISANI

## Merħba bikom ja Tmenin

Ftit jiem ilu kelli ħolma
li ħasditni, ngħid is-sew,
għaliex kienet ħolma gwappa
mhux minn dawk li jintesew.

Ħlomt li ħabbat wara biebi
il-pustier, bl-ittri f'idejh,
u newwilli ittra mdaqqsa
hekk kif rani riesaq lejh.

Imbagħ'd qalli: "Ħa, din tiegħek;
min kitiblek moħħ ir-riħ
ħalla barra l-aqwa ħaġa:
l-indirizz komplut u sħiħ.

Kiteb biss: Lil Ġorġ Pisani
il-poeta taż-Żgħożija;
u b'daqshekk ħaseb li l-ittra
kellha tasal bla tbatija.

M'hemm xejn veru f'din il-kitba,"
reġa' tenna dan il-flien,
"għax poeta taż-żgħożija
inti kont, 'mma ilu żmien.

Tajtek l-ittra għaliex nafek,
naf kemm ktibt dwar iż-żgħożija,
iżda din issa ħallietek
għalkemm inti m'għandekx ħtija."

Imbagħ'd spiċċa sabiex qalli
bi tbissima mill-ħelwin:
"Rabbi l-ħila, ħabib tagħna;
int illum għalaqt tmenin."

X'ħin ftaħt l-ittra nsibha mfawra
bl-ismijiet ta' nies twajbin
li ferħuli talli issa
irfist l-għatba tat-tmenin.

X'ħin imbagħ'd intfiet il-ħolma
donnha mpittra bl-ifejn arti,
jien qomt niġri lejn il-mera
illi għandi ġo kamarti.

Anki l-mera dritt urieni,
bl-idwal tiegħu qawwijin,
illi kont meddejt riġlejja
ġewwa s-setaħ tat-tmenin.

Kien hemm waqt – nistqarr bla ħabi –
wara s-smigħ ta' din l-aħbar,
meta f'ruħi ħassejt dehxa
u ġo qalbi ftit imrar.

Iżda mbagħ'd bdejt niġi f'tiegħi.
Ġarrabt mewġa ta' serħan.
Bdejt insaffar, bdejt inkanta,
dlonk ħassejtni wisq ferħan.

Għaliex għedt bejni u bejn ruħi:
'Dawn il-gdiedem, kos, għalfejn?
Jien għext naħdem u nistinka,
u minn ħini ma ħlejt xejn.'

Għaddejt ħajti ngħallem, nikteb,
ngħin lil ħuti mill-aħjar;
miegħi kienu jiftħu qalbhom
sew il-kbar u kemm iż-żgħar.

Ħajr il-flus qatt ma għammixni
u bil-ftit ikkuntentajt.
Ħsiebi biss kien li nistagħna
b'dak li qrajt u b'dak li smajt.

Lill-Ilsien ta' Art Twelidi
ma ħmiltx nara fiż-żebliħ,
qbiżt għalih sakemm sa fl-aħħar
qabad l-art, rikeb ir-riħ.

Ġewwa r-ruħ taż-żgħażagħ tagħna,
bil-lingwaġġ tal-poeżija,
kebbist xrar sabiex f'sidirhom
tħabbat qalb tassew Maltija.

Ħaffirt sħiħ f'saltnet l-imgħoddi
biex nitkixxef il-ġrajjiet
u ta' dawk li ġew qabilna
inkun naf l-eqdem drawwiet.

Biex il-ħrafa u l-leġġenda
tul is-snin jibqgħu ħajjin
jiena ġbarthom u ħaristhom
fuq il-karti mifruxin.

Anki qwiel missirijietna
ma xtaqtx nara mitlufin.
Għalhekk ġmajthom ġewwa l-kotba
biex hemm jibqgħu miftakrin.

Kontra l-firda ta' bejn l-aħwa
jien ħambaqt u ħdimt bla tmiem
għax intbaht li din Gżiritna
kellha bżonn l-għaqda u s-sliem.

Sabiex nilħaq dan l-għan tiegħi
u fix-xogħ'l nagħmel avvanz
jien inqdejt b'kitbet id-drammi
u xi drabi bir-rumanz.

Ħabbejt wisq lill-Gżejjer tagħna,
tant fil-paċi, kemm fil-gwerra,
taħt il-bombi fi triqathom
ma hdejt qatt naħdem, niġġerra.

F'dawk il-ġranet għedt lill-poplu
'Ejja nsofru qalbenin,
basta lkoll fl-aħħar noħorġu
fuq il-ħażen rebbeħin.'

Billi l-muna bdiet tiskarsa
u bdiet tagħfas bit-tgħakkis
jien ħeġġiġt lill-bdiewa jagħtu
il-qmuħ tagħhom lill-pajjiż.

Ruħi mbagħ'd imtliet bil-hena
meta f'jum jiddi bil-glorja
smajt lill-qniepen qed ilissnu
it-tħabbira tal-vittorja.

Lill-frustier dawwart elf darba
ma' l-irħula u ma' l-ibliet,
ħadtu jara u jammira
tal-ġens tagħna l-qdumijiet.

Biex narah kuntent hawn fostna
jien ħabrikt u rsistejt wisq,
għax ħassejt li b'hekk pajjiżna
sata' jikseb ġid u riżq.

Ħabbejt wisq il-Għejjer tagħna
fil-jiem sbieħ u dawk mudlama,
ħlomt il-ġieh u l-kobor tagħhom
bl-oħla ħajr u bl-akbar tama.

U llum nifraħ x'ħin nilmaħhom
bħalma żgur, ma kienu qatt,
ħielsa t-tnejn b'rajhom f'idejhom
u meqjuma minn kulħadd.

Ħalli jgħaddi ż-żmien, immela,
ħalli jasal sat-tmenin;
jiena għomri għextu sewwa,
qatt ma rmejt ta' ħajti l-ħin.

Idħlu lkoll, għalhekk, ġo dari
biex ta' ħajti ttawlu s-snin;
ejja nbuskom fuq ħaddejkom;
merħba bikom ja tmenin!

Int, Mulej, is-Sid ta' kollox,
żmien il-bniedem f'idejk qiegħed,
int biss taf jekk tmiem għomorna
hux fil-qrib jew hux imbiegħed.

Qassam Int: ibqa' wiżinni
sakemm trid bil-ħanin driegħek,
sew jekk tagħti, sew jekk tieħu
jiena nbierek l-Isem Tiegħek.

Ġorġ Pisani